KULLEĠĠ SAN BENEDITTU

# Kuntatt

## ma' l-iskola t'ibnek

—NOVEMBRU, 2005

### IL- MESSAĠĠ MILL- KAP TA' L-ISKOLA—Mr. J. Micallef

Għadda nofs term mill-bidu tas-sena skolastika. Aħna l-għalliema nħossu li kien bidu tajjeb. Għalkemm ma naqsux xi diffikultajiet tal-bidu, nħossuna sodisfatti b'dak li bħala tim irnexxielna nagħmlu s'issa. Bla tlaqliq ta' xejn ngħid li dan is-suċċess hu mertu wkoll tagħkom il-ġenituri.

Ħafna minnkom urew livell għoli ta' koperazzjoni. F'isem il-ġid ta' uliedkom ngħidilkom Grazzi u nħeġġiġkom tkomplu sejrin hekk.

L-akbar sodisfazzjon tagħna hu li naraw studenti kuntenti, studenti li jiġu l-iskola mimlijin ħeġġa biex jieħdu parti attiva fil-programm li aħna l-għalliema nkunu ħejjejnielhom. Naturalment minn żmien għal żmien jinqalgħu problemi fil-ħajja ta' l-istudenti jew problemi bejn l-istudenti stess. F'każi bħal dawn ikun għaqli jekk intom il-ġenituri tinfurmawna permezz ta' għajnuna jew miżuri ndawru każijiet bħal dawn f'okkażżjonijiet ta' tagħlim u ta' formazzjoni għall-ħajja.

Tel: 21642427/21642430/21642451
Fax: 21642423
Email: sanbenedittu.bco@gov.mt

# Ħarsa lejn x'sar fil-ġimgħat li għaddew

◊ L-istudenti kollha tqassmu fi klassijiet u fi gruppi.

◊ Tqassmu l-kotba lill-istudenti kollha.

◊ Żewġ studenti attendew iċ-ċerimonja tal-"Best Language Awards".

◊ L-istudenti tat-tielet sena attendew għal attivita' organiżżata mill-Arkivji Nazzjonali fejn saret preżentazzjoni. Wara żaru wirja u ħadu sehem fi "treasure hunt" marbuta mal-programmi ta' l-Istorja, il- Ġografija u l-Istudji Soċjali.

◊ It-taqsima tal-"Guidance" u "Counselling" żammet laqgħat fi gruppi għall-ġenituri ta' l-istudenti kollha.

◊ Ingħata isem lill-mascot tal-librerija. L-isem rebbieħ kien ta' Daniel Scerri tal-1.4.

◊ Infetaħ it-"tuck shop" li qed jitmexxa minn erba' għalliema fuq il-linji tal-programm edukattiv —Kul għal saħħtek, li l-istess għalliema jmexxu waqt l-"afternoon activitiy".

◊ Fr. Albert u Fr. David bdew joffru s-servizzi tagħhom bħala "Spiritual Directors".

◊ Bdew jaslu l-ewwel lockers u dalwaqt tirċievu ittra tispjegalkom kif uliedkom jistgħu jibbenefikaw minn dan is-servizz.

◊ Madwar mitt student bdew jattendu attivitajiet sportivi wara l-ħin l-iskola.

◊ Tnehdiet il-kompetizzjoni għall-aħjar presepju.

# Ħarsa lejn x'hemm maħsub għal matul Novembru u Diċembru

- ◊ Ser jigi elett il-Kunsill ta' l-istudenti ta' l-iskola;
- ◊ 10 ta' Novembru — Quddiesa għall-istudenti kollha;
- ◊ 15 ta' Novembru — L-istudenti tal-klassijiet ser jieħdu sehem f'attivita' bit-tema **Edukazzjoni Globali.**
- ◊ 23 ta' Novembru — Grupp żgħir ta' studenti ser jattendu CHOGM.
- ◊ 23 ta' Novembru — L-istudenti tal-klassijiet 1.4 u 1.6 ser iżuru l-Health and Safety Convention.
- ◊ 25 ta' Novembru — Funzjonijiet reliġjużi biex niċċelebraw il-bidu ta' l-Avvent.
- ◊ 25 ta' Novembru — Laqgħa għall-għalliema biex ifasslu pjan ta' żvilupp. L-istudenti jiskulaw fin-nofs siegħa.
- ◊ 12 ta' Diċembru — L-istudenti ta' l-ewwel sena li jitgħallmu l-Ġermaniż ser iżuru l-German Resource Centre, fejn ser ikollhom lezzjonijiet minn persuna Ġermaniża dwar kif jippronunzjaw aħjar il-lingwa. Din l-attivita' ser tkun ta' għajnuna wkoll għall-proġett li għandhom iħejju.
- ◊ Matul il-Ġimgħa ta' bejn id-19 u t-22 ta' Diċembru hemm programm ta' attivitajiet tal-Milied (Quddiesa, Kunċert, Żjarat Filantropiċi, Festin, fost l-oħrajn).

## Kodiċi ta' Mġiba, Lbies u Dixxiplina

Wara proċess ta' konsultazzjoni wasalna biex nippubblikaw il-Kodiċi ta' Mġiba, Lbies u Dixxiplina.

Dan għandu jservi ta' gwida sabiex kulħadd jagħti l-aħjar tiegħu għall-ġid tiegħu stess u ta' l-iskola.

Hu Kodici li hu mibni kollu kemm hu fuq il-bilanċ bejn id-drittijiet u d-dmirijiet.

Aħna fiduċjużi li dan il-Kodiċi ser ikun ta' kontribut sabiex fl-iskola jkompli jitrawwem ambjent pożittiv, mibni fuq ir-rispett reċiproku.

## Ġbir ta' ħlasijiet

Minn żmien għal żmien ikun meħtieg li l-istudenti jħallsu xi kontribuzzjoni għal xi materjal li jkun jeħtieg jinxtara għall-użu tagħhom. F'każijiet bħal dawn tirċievu nota bid-dettalji kollha u mal-ħlas tinħarġilkom irċevuta.